Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,627, 12 ta' Ġunju, 1998
Taqsima B

A.L. 151 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science - B.Sc - (Business and Computing)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-Regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Business and Computing).

(2) F'dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - (Business and Computing);

"il-Kors" ifisser il-Kors ta' l-Istudji li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - (Business and Computing).

Applikabilita'

2. Dawn ir-Regolamenti għandhom ikunu applikabbli għal korsijiet li jibdew mill-1992 jew wara.

Dħul

3. Kandidat għandu biex ikun eleġibbli għall-għotja tal-Grad:

(a) jirreġistra bħala student matrikolat fit-termini tar-Regolamenti tad-Dħul ta' l-Universita;

(b) jissodisfa r-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors skond ir-Regolament 5 imsemmi taħt;

(c) itemm il-Kors, jikkwalifika fl-eżamijiet, u jissodisfa kull rekwiżit ieħor preskritt f'dawn ir-Regolamenti; u

(d) jissodisfa kull rekwiżit ieħor preskritt fi Statuti u Regolamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq perjodu minimu ta' tlett snin.

(2) Student ma jistax joqgħod għall-Eżamijiet Finali qabel tlett snin akkademiċi jew aktar tard minn erba' snin mill-ewwel dħul għall-Kors, ħlief bil-permess speċjali tas-Senat.

Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

5. Student jista' japplika għad-dħul fil-Kors jekk huwa jissodisfa dawn ir-rekwiżiti:

(1) Ir-rekwiżit għad-dħul għall-Universita';

(2) (a) (i) Għad-dħul f'Ottubru 1992: Tlett kwalifiki f'Livell Avvanzat bi grad 'C' jew aħjar, f'wieħed mis-suġġetti li ġejjin:

Accounting
Xjenza tal-Kompjuter
Matematika
Ekonomija
Ċertifikat fil-'Banking'

(ii) Ħames suġġetti fil-Livell Ordinarju. Madanakollu huwa desiderabbli li l-applikant ikollu ċertifikat f'Livell Ordinarju fi tnejn mis-suġġetti li ġejjin:

Xjenza tal-Kompjuter
Accounting
Ekonomija

(b) (i) Għad-dħul f'Ottubru 1993 jew wara: Tlett kwalifiki f'Livell Avvanzat bi grad 'C' jew aħjar, li wieħed minnhom għandu jkun fis-suġġetti li ġejjin:

Accounting
Xjenza tal-Kompjuter
Matematika
Ekonomija
Ċertifikat fil-'Banking'

(ii) Ħames suġġetti li għandhom jinkludu Livell Ordinarju fix-Xjenza tal-Kompjuter u Accounting (sakemm l-applikant m'għandux kwalifika f'Livell Avvanzat f'dawn is-suġġetti).

(c) Għad-Dħul f'Ottubru 1997 jew wara:

Kwalifiki f'livell avvanzat b'Mertu jew aħjar f'wieħed minn:
Accounting
Computing jew Information Technology
Il-Matematika
L-Ekonomija

Kwalifiki f'livell Intermedju fis-suġġetti li ġejjin jekk l-applikant ma jkunx offriehom diġa f'livell Avvanzat:

(i) Accounting
u (ii) jew Information Technology
jew Computing.

Il-Kors ta' l-Istudji

6. (1) Il-Kors jikkonsisti f'numru ta' taqsimiet studju li kull waħda minnhom hija assenjata numru speċifikat ta' kredti.

(2) Katalgu ta' taqsimiet studju, bil-kredti mogħtija għal kull waħda, għandu jkun ippubblikat qabel il-bidu ta' kull sena akkademika.

(3) Il-katalgu għandu jispeċifika t-taqsimiet studju obbligatorji u l-prerekwiżiti għall-Ewwel Parti u t-Tieni Parti tal-Kors.

(4) Student jeħtiġ jikseb mhux inqas minn 64 kredtu sabiex itemm il-Kors.

(5) Kredti huma mogħtija lil studenti li jtemmu b'suċċess it-taqsimiet studju (Kredtu huwa normalment miksub għal taqsima studju ta' madwar 14-il siegħa ta' tagħlim mitmuma b'suċċess.)

(i) Kredti għandhom ikunu ggradati minn A sa D, b' A li tkun l-ogħla grad u D l-inqas grad li jindika l-livell milħuq mill-kandidat fix-xogħol imwettaq matul it-taqsima studju u fit-test li jsir fit-tmiem tiegħu. It-test jista jikkonsisti f'parti miktuba u/jew f'parti orali u/jew assenjament ippreparat matul it-taqsima studju.

(ii) Student li jonqos li jikseb il-kredti mogħtija għal taqsima studju għandu jingħata l-grad F u jista' jitħalla jirrepeti t-taqsima studju meta tkun offerta.

(6) Il-Kors jikkonsisti f'numru minimu ta' taqsimiet studju bil-kredti li ġejjin:

L-Ewwel Parti - 25 kredtu
It-Tieni Parti - 39 kredtu

(7) Student għandu jirreġistra għal numru ta' taqsimiet studju f'kull sena tat-Tieni Parti tal-Kors li huma assenjati mhux inqas minn 14 u mhux iktar minn 28 kredtu.

(8) In-numru ta' taqsimiet studju meħtieġa, l-għażla ta' taqsimiet studju u l-ordni li fiha għandhom jittieħdu mill-istudent, għandhom ikollhom l-approvazzjoni mill-Bord. (Xi taqsimiet studju huma f'sekwenza, u d-dħul għalihom jista' jinħtieġ minn qabel it-temmija preċedenti b'suċċess ta' taqsimiet studju speċifiċi u/jew kwalifiki oħra indikati fil-katalgu ta' taqsimiet studju.)

(9) Il-Bord jista' jeżenta lil student mir-rekwiżiti li jikseb ċertifikat ta' kredtu għal taqsima studju partikolari jekk ikun kiseb mill-Universita' jew minn istituzzjoni rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan, kwalifika li l-istudju għaliha, huwa fl-opinjoni tal-Bord ekwivalenti fil-kontenut u fil-livell għal dak li hu meħtieġ għaċ-ċertifikat ta' kredtu.

L-Eżamijiet

7. (1) Għandu jkun hemm Eżami Finali li jsir fl-aħħar tat-Tieni Parti tal-Kors.

(2) Student hu meqjus li għadda mill-eżami jekk huwa jkun kiseb wieħed mill-gradi li ġejjin: A,B,C jew D f'kull karta.

(3) Għandu jkun hemm żewġ sessjonijiet ta' eżamijiet f'kull sena: sessjoni li normalment issir f'Mejju/Ġunju u Sessjoni Supplimentari li normalment issir f'Settembru/Ottubru.

L-Eżami Finali

8. (i) Fi tmiem il-Kors u wara li jikseb il-minimu stipulat ta' 64 kredtu, student ikun meħtieġ joqgħod għall-Eżami Finali.

(ii) Għandu jkun hemm tmien karti fl-Eżami Finali. Jista' jsir ukoll eżami *viva-voce*.

Il-Valutazzjoni ta' l-Istudenti

9. (i) Il-valutazzjoni ġenerali ta' student għall-Grad għandu jinkludi kif mar l-istudent fl-Eżami Finali, kif ukoll iċ-ċertifikati ta' kredti u gradi miksuba matul il-Kors.

(ii) L-ismijiet ta' studenti li jikkwalifikaw għall-għotja tal-Grad għandhom ikunu ppublikati f'ordni alfabetiku f'lista mqassma fil-kategoriji I, IIA, IIB, u III.

Eżamijiet Supplimentarji u t-Terminazzjoni tal-Korsijiet

10. (i) Student li jeħel fl-Eżami Finali jista' jitħalla joqgħod għal Eżami Supplimentari fis-sessjoni li jmiss fil-karti li weħel fihom.

(ii) Student jista' jitħalla jirrepeti l-Eżami Finali darba biss.